MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Numru. 340/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs.**

**Joseph Ellul**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Joseph Ellul ta' 24 sena iben Carmelo u Pasqualina nee Bugeja mwieled Pieta' fid-19 ta' Mejju, 1983 residenti 'San Guzepp', Triq is-Salvatur Marsaxlokk, detentur tal-Karta tal-Identita numru: 269483M

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-28 ta' Lulju, 2007 u matul it-tnax-il xahar ta' qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolamenti ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
b) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehudha mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li fis-seduta tas-26 ta' April 2010,[1] l-imputat irregistra ammissjoni limitatament ghat-tieni imputazzjoni dedotta kontra tieghu. Din l-ammissjoni giet ripetuta fis-seduta tal-25 ta' Frar 2011.[2]

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

[1] Ara fol. 7 tal-process.
[2] Ara fol. 10-11 tal-process.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti ta’ dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fil-gurnata in kwistjoni kien hemm party matul il-gurnata fil-pitch tal-waterpolo ta’ Marsaxlokk, u zewg Pulizija tal-Iskwadra kontra d-Droga kienu qed jaghmel spezzjoni regolari fuq barra tal-pitch.
2. F’hin minnhom raw lill-imputat johrog minn gol-pitch u resaq lejn van pick up – li mhux kontestat li hu tieghu. Huwa gholla t-tinda, dahhal rasu hemm hekk u beda jqalleb go kaxxa.
3. Iz-zewg Pulizija marru fuqu u minn tfixxija li ghamlu fil-vann, sabu xi trab abjad fuq xi kotba, u bicciet tal-plastic.
4. Fl-istqarrija tieghu l-imputat ammetta li gieli pejjep xi joints tar-raza cannabis, imma nnega li kien jaf xi haga dwar it-trab abjad li nstab fil-vann tieghu.
5. L-espert mahtur mill-Qorti, l-Ispizjar Mario Mifsud ikkonkluda fir-relazzjoni tieghu illi *“nstabu tracci tas-sustanza Kokajina fuq il-bicca plastic trasparenti u fit-tracci ta’ trab lewn off-white li kien hemm fid-dokument 157/11/01.”* Id-dokument 157/11/01 kien fih *“bicca plastik trasparenti li fuqha kien hemm label bajda bil-kliem “Caroline Dimech 3 Jade Malta” u bicca karta tal-lewn il-fidda li go fiha kien hemm bicca plastic trasparenti bi tracci ta’ trab ta’ lewn off-white.”*[3]
6. L-imputat jichad li dawn l-affarijiet kienu tieghu, u fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tieghu jissottometti li dawn l-affarijiet kienu ta’ xi hadd li abbuza mill-kokajina u ddispona minnhom billi tefaghhom fil-vann tal-imputat, li ma kienx jissakkar.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

[3] Ara relazzjoni tal-espert Spizjar Mario Mifsud ezebita bhala Dok MM1 a fol. 28 tal-process.

Kif diga inqal, l-imputat ammetta ghat-tieni imputazzjoni dedotta kontra tieghu – u cioe dik ta' pussess semplici tar-raza tal-cannabis, u konsegwentement il-Qorti qed issibu hati taghha.

Pero, l-imputat qed jikkontesta l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u cioe dik ta' pussess semplici tad-droga kokajina.

Il-Qorti kkunsidrat fit-tul fuq il-versjoni tal-imputat u ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

1. L-imputat ghazel li jixhed, u fix-xhieda tieghu hu ma ta l-ebda spjegazzjoni, ahseb u ara wahda plawsibbli, tar-raguni ghalfejn huwa hareg mill-party u mar hdejn il-vettura tieghu fil-carpark. Huwa notorju, kif qal l-Ufficjal Prosekutur fit-trattazzjoni tieghu, li f'dawn it-tip ta' parties, ghandha tendenza li taghmel tfixxija fuq il-persuni li jkunu dehlin ghal party.
2. Fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid li meta hareg mill-party innota li kellu t-tinda daqsxejn miftuha, u sab nofs il-luketti miftuhin. Gewwa sab kotba u landi imferrxin u fuq ktieb minnhom kien hemm trab abjad. Huwa xehed hekk *"<u>Fid-daqqa u l-hin li qed infittex</u> u nara x'taqlib ghandi u m'ghandhix insib il-pulizija warajja."* (sottolinear tal-Qorti). Fil-fatt iz-zewg pulizija xehedu li rawh ifittex go basket li kien fih pitazzi u kotba.[4] Issa l-Qorti ma tistax tifhem, jekk ghall-grazzja tal-argument kellha temmen il-verzjoni tieghu li sab l-affarijiet imqalbin, x'kien qed ifittex ezattament l-imputat. F'tali cirkostanzi, wiehed jippretendi li l-imputat kien jibda jirranga l-affarijiet li sab imgerfxin u mqalbin, u mhux ifittex.
3. L-ispjegazzjoni li ta l-imputat ghalfejn kellu basket bil-kotba u pitazzi fil-vann tieghu, hi l-gurnata ta' qabel kien mar BBQ, u gabithom maghha habiba tieghu biex taqra u nsiethom hemm.[5] Fix-xhieda tieghu, huwa jichad li kien hemm pitazzi, ghalkemm iz-zewg pulizija semmew li apparti kotba kien hemm ukoll pitazzi. Fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti issibha difficli hafna biex tifhem ghalfejn tfajla li tmur BBQ fl-ahhar ta' Lulju mal-hbieb taghha, ghandha tieghu maghha basket kotba tal-iskola.
4. Il-vann in kwistjoni kien il-vann tax-xoghol tal-imputat u x-xoghol tieghu huwa ex admissis ta' sajjied u hawker. Huwa ma ta l-ebda spjegazzjoni ghalfejn mar ghal dan il-party bil-vann tax-xoghol tieghu. In oltre huwa ferm stramb, li fil-vann ma nstab xejn relatat max-xoghol tieghu, u minflok kellu basket kotba u pitazzi u hardener.

---

[4] Ara xhieda ta' PC 1013 Raymond Debono a fol.21 tal-process, u xhieda ta' PC 47 Chris Frendo a fol. 15 tal-process.
[5] Ara xhieda tal-imputat a fol. 34 tal-process.

5. Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat jissottometti li l-oggetti relatati mal-abbuz tad-droga kokajina li nstabu, kien sachet uzat, li xi terz injot li abbuza minnu tefghu fil-vann, biex il-Pulizija ma jindunawx bih. Pero, din is-sottomissjoni hija kontradetta mill-fatt li l-oggetti relatati mal-abbuz tad-droga kokajina li nstabu ma nstabux mitluqa f'xi parti ta' dan il-pickup, fejn wiehed jippretendi li terz li jrid jahbi malajr l-affarijiet kien ipoggihom, izda kienu mohbija ma' mazz kotba u pitazzi. Is-sottomissjoni tad-difiza lanqas tispjega kif fuq il-kotba kien hemm ukoll it-trab abjad. PC 1013 Raymond Debono xehed hekk: *"Dan* (l-imputat) *wara li hareg minn gol-pitch resaq lejn vann pickup. Mar fil-kaxxa ta' wara, gholla t-tinda, dahhal rasu hemmhekk u ahna osservajnieh min-naha l-ohra u dan beda jfittex go basket li kien fih xi pitazzi u kotba u naf li qala pakkett u sakemm dorna fuqu u ghidnilu ahna pulizija, dan prova jnehhi l-evidenza kollha u s-sustanza kollha li kien hemm ... ... prova jnehhieha, u jfarfarha b'idejh u kull ma kien fadal jigifieri xi tracci."*

Dawn il-manuvri tal-imputat, flimkien mac-cirkostanzi l-ohra fuq elenkati, joholqu element qawwi ta' prova indizzjarja (circumstantial evidence) li jippuntaw f'direzzjoni wahda, u cioe li l-imputat hareg mill-party biex imur jabbuza fil-vann tieghu, mis-sachet kokajina li kellu mohbi fl-istess vann. Dawn il-provi indizzjarja kollha jindikaw li l-imputat ma dahhalx is-sachet mieghu fil-party, biex jekk issirlu tfittxija mill-pulizija, huwa ma jkollu xejn illegali fuqu, u mar il-party bil-vann tax-xoghol ghax billi ghandu tinda mhux trasparenti, seta' jabbuza mid-droga fis-satra taht it-tinda.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti issib li l-Prosekuzzjoni ppruvat it-tieni imputazzjoni lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Fir-rigward ta' piena, il-Qorti ikkunsidrat, li l-fedina penali tal-imputat hija kwazi netta, b'kundanna wahda ghal tipjip fil-maghluq.

Hija hadet ukoll in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat tat-tieni imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 8(a), it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikolu 22(1)(a), 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' seba' mija u hamsin Euro (€750.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u ghoxrin Euro (€25.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mit-13 t'April 2015, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' tlett mija u sitta u tmenin Euro u hamsin centezmu (€386.50), li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------